

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1598

tat-22 ta' Settembru 2017

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2016/1036 tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 <sup>(3)</sup>.
- (2) Huwa xieraq li jitħalla f'idejn il-kumpaniji li ma esportawx il-bijodiżil matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali li jitolbu rieżami jekk jistgħux ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju imposta fuq il-kumpaniji li jikkooperaw li m'humiex fil-kampjun. Tali rieżami għandu jsir jekk provi suffiċjenti jitressqu quddiem il-Kummissjoni minn esportatur jew produttur ġdid fil-pajjiż ta' esportazzjoni inkwistjoni li (1) ma esportax il-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri; (2) ma jigiġix mill-esportatur jew il-produttur soġġett għall-miżuri imposti; u (3) jew effettivament esporta l-oġġetti kkonċernati jew inkella daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lill-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni.
- (3) Madankollu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 ma kienx jipprovdi għall-possibbiltà li esportaturi ġodda jitolbu rieżami bħal dan. Għalhekk, ir-Regolament jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.
- (5) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

<sup>(1)</sup> ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1518 tal-14 ta' Settembru 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠUL 239, 15.9.2015, p. 69).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1518 huwa miżjud il-paragrafu 6 li ġej:

“6. Fejn xi parti mill-Istati Uniti tal-Amerka ttiprovdi provi suffiċjenti lill-Kummissjoni li:

(a) ma esportax il-merkanzija deskritta fil-paragrafu 1 li toriġina fl-Istati Uniti tal-Amerka matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008);

(b) ma tiġix minn esportatur jew minn produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u

(c) li effettivament esportat il-merkanzija kkonċernata jew daħlet fobbliġu kuntrattwali irrevokabbli li tesporta kwantità sinifikanti lill-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni,

il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness I biex tattribwixxi lil dik il-parti d-dazju applikabbli għall-produtturi li jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri EUR 115,6 għal kull tunnellata.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---